31992R2145

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2145/92

tad-29 ta' Lulju 1992

li jerġa' jiddefenixxi mill-ġdid iż-żoni ta' destinazzjoni għal rifużjonijiet ta' mposti ta' esportazzjoni u ċerti liċenzi ta' esportazzjoni għaċ-ċereali u r-ross

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali ([1]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1738/92 ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 16(6) tiegħu,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross ([3]), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 674/92 ([4]), u b'mod partikukari l-Artikolu 17(6) tiegħu,

Billi r-Regalemnt tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1124/77 ([5]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3049/89 ([6]) li jistabilixxi ż-żoni ta' destinazzjoni bil-għan li jistabbilixxi r-rifużjoni ta' esportazzjoni u imposti għal ċereali u ross;

Billi l-bidliet ekonomiċi fil-Blokk tal-Lvant, jiġifieri x-xoljiment ta' l-Unjoni Sovjetika u l-Jugoslavja f'pajjiżi indipendenti, jeħtieġu aġġornar fiż-żoni ta' destinazzjoni kif stipulati fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 1124/77; billi f'dak l-Anness l-Unjoni Sovjetika u l-Jugoslavja għandhom jitbiddlu mal-pajjiżi li ħarġu minnhom; billi l-opportunità għandha tittieħed ukoll biex terġa' tiġbor il-pajjiżi f'żoni I, II, III u VIII;

Billi għaċ-kjarezza r-Regolament (KEE) Nru 1124/77 għandu jitħassar u d-disposizzjopnijiet tiegħu għandhom jittieħdu fir-Regolament preżenti;

Billi l-miżuri li hemm dispożizzjoni għalihom f'dan ir-Regolament huma skond il-fehma tal-Kumitat tal-Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Iż-żoni ta' destinazzjoni li għandhom jintużaw għall-għan biex jitwaqqfu rifużjonijiet ta'esportazzjoni ddifferenzijati u imposti ta' prodotti elenkati taħt (a), (b) u (ċ) fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' l- (KEE) Nru 2727/75 u taħt (a) u (b) fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' l- (KEE) Nru 1418/76 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Ir-Regoalment (KEE) Nru 1124/77 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Awissu 1992.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 Lulju 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.
([2]) ĠU L 180, ta' l-1.7.1992, p. 1.
([3]) ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 1.
([4]) ĠU L 73, tad-19.3.1992, p. 7.
([5]) ĠU L 134, tat-28.5.1977, p. 53.
([6]) ĠU L 292, tal-11.10.1989, p. 10.

L-ANNESS

Żona I

(a) Il-Morokk
L-Alġerija
It-Tuniżija

(b) Malta
L-Eġittu
L-Iżrael
Il-Libanu
Is-Sirja
Ċipru
It-Turkija
Ex-Sahara Spanjola

(ċ) Il-Libja

Żona II

(a) Il-Polonja
Ir-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka
L-Ungerija

(b) L-Estonja
Il-Latvja
Il-Litwanja

(ċ) In-Norveġja
L-Iżvezja
Il-Finlandja
Il-Gżejjer Faeroe
L-Iżlanda

(d) Ir-Russja (Tramuntana)
Il-Belarus

Żona III

(a) Bożnja-Ħerzegovina
Il-Kroazja
Is-Slovenja
It-territorju ta' l-ex-Jugożlavja minbarra s-Slovenja, il-Kroazja u l-Bożnja-Ħerzegovina

(b) L-Albanija
Ir-Rumanija
Il-Bulgarija

(ċ) Ir-Russja (Nofsinhar)
L-Armenja
Il-Ġorġja
L-Ażerbajġan
Il-Moldavja
L-Ukrajna
Il-Każakstan
Il-Kirgistan
L-Użbekistan
It-Taġikistan
It-Turkmenistan

Żona IV

(a) Il-Messiku
Pajjiżi u territorji ta' l-Amerika Ċentrali (minbarra pajjiżi ta' l-ACP)

(b) Il-Greater u Lesser Antilles u Bermuda (minbarra pajjiżi ta' l-ACP, Puerto Rico u l-OCT)

(ċ) Pajjiżi u territorji ta' l-Amerika ta' Isfel (Il-Kosta ta' l-Atlantiku, barra minn l-OCT)

(d) Pajjiżi u territorji ta' l-Amerika ta' Isfel (Il-Kosta tal-Paċifiku)

Żona V

Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel

Żona VI

Pajjiżi u territorji tal-Peniżola Għarbija

Il-Ġordan

L-Iraq

L-Iran

Żona VII

(a) L-Afganistan
Il-Pakistan
L-Indja (inkluż is-Sikkim)
In-Nepal
Sri Lanka
Il-Bangladesh
Myanmar
Il-Bhutan
Gżejjer ta' l-Oċean Indjan (minbarra pajjiżi ta' l-ACP u l-OCT)

(b) It-Tajlandja
Il-Kampuċja
Il-Laos
Il-Ġappun
L-Indonesja
Il-Malasja
Il-Filippini

(ċ) Pajjiżi u territorji oħra ta' l-Asja u l-Oċeanja (minbarra l-OCT)
L-Awstralja
New Zealand

Żona VIII

(a) (Pajjiżi ta' l-ACP)
L-Angola
L-Antigwa u Barbuda
Il-Bahamas
Barbados
Belize
Benin
Il-Bozwana
Burkina Faso
Il-Burundi
Il-Kamerun
Cape Verde
Ir-Repubblika Afrikana Ċentrali
Il-Comoros (minbarra Mayotte)
Il-Kongo
Kosta ta' l-Ivorju
Id-Djibouti
Dominika
L-Etijopja
Il-Fiji
Il-Gabon
Il-Gambja
Il-Ghana
Il-Grenada
Il-Guinea
Il-Guinea-Bissau
Il-Guinea Ekwatorjali
Il-Gujana
Haiti
Il-Ġamajka
Il-Kenja
Il-Kiribati
Il-Lesotho
Il-Liberja
Il-Madagaskar
Il-Malawi
Il-Mali
Il-Mauritius
Il-Mawritanja
Il-Możambik
In-Namibja
In-Niġer
In-Niġerja
L-Uganda
Papua New Guinea
Ir-Repubblika Dominikana
Ir-Rwanda
St. Kittis-Nevis
St. Vincent u l-Grenadines
St. Lucia
Il-Gżejjer Salomon
Is-Samoa tal-Punent
Sao Tomé u Prinċipe
Is-Senegal
Is-Seychelles
Sierra Leone
Is-Somalja
Is-Sudan
Is-Surinam
Is-Sważiland
It-Tanzanija
Iċ-Chad
It-Togo
It-Tonga
Trinidad u Tobago
It-Tuvalu
Il-Vanuatu
Iż-Żaire
Iż-Żambja
Iż-Żimbabwe

(b) (OCT)
Il-Polineżja Franċiża
Il-Kaledonja l-Ġdida u dipendenzi tagħha
Wallis u l-Gżejjer Futuna
It-Territorji tan-Nofsinhar u ta' l-Antartika
Saint Pierre u Miquelon
Mayotte
L-Antilles ta' l-Olanda
L-Aruba
Greenland
L-Anguilla
Il-Gżejjer Cayman
Il-Gżejjer Falkland
Il-Gżejjer Sandwich tan-Nofsinhar u d-dipendenzi
Turks u l-Gżejjer Caicos
Il-Gżejjer Virgin Britanniċi
Monserrat
Pitcairn
St. Helena u d-dipendenzi
It-Territorju Antartiku Britanniku
It-Territorju Britanniku ta' l-Oċean Indjan